# MHUX DEJJEM TIĠI ŻEWĠ

Nafu lil Bobby. Meta kien żgħir, b'Bertu konna nafuh, imma dam żmien ma' wieħed Ingliż li kien jilgħab fit-tijatru Rjal, kien igħid li hu saħħar, iġiegħlek tieħu karta mill-mazz u jgħidlek x'kienet malli teħodha f'idek, joħroġ ħames qasab żagarella minn ħalqu, iġib fenek jew papra minn kappell li jissellef minn għand in-nies, idaħħal tifel f'kaxxa, igħattiha, jispara pistola u t-tifel ma jinsabx aktar, jifqa' bajda quddiemek u jsib fiha arloġġ tal-but li ħadu minn għand wieħed bil-qiegħda quddiemu, u praspar bħal dawn.

Ara l-lum u ara għada, Bobby tgħallem jitliegħeb hu wkoll u meta l-Ingliż siefer baqa' jħabbat moħħu, u meta kienu jistidnuh x'imkien ifittex jagħmel xi ċajta minn dawk li kien tgħallem minn għand l-imgħallem Ingliż. Żmien wara kien daħal forman ma' l-Inġinieri u billi raġel tax-xogħol u tal-ħsieb kien miġjub minn sħabu u mill-fizzjali tiegħu.

Naf lil sieħbu Franki li ftit ilu qalli biċċa ħelwa wisq li ġrat quddiemu.

Kienu darba qegħdin igħaddu gumna ta' l-elettriku lejn il-fortizza ta' Benġemma u biex ifittxu jħaffru trinka bil-ħeffa qabbdu ħafna nies, għax ix-xogħol kellu jsir mill-aktar fis.

Fil-għaxija n-nies kienu jitilqu lejn darhom iżda dawk li kienu jgħammru l-bogħod kienu jħalluhom jorqdu fit-tined biex fil-għodu jisbħu għax-xogħol kmieni.

Qabel jorqdu, kienun-nies ta' l-Inġinier jinġabru jpejpu madwar it-tinda u jgħidu xi ħlieqa qabel ma jeħodhom in-ngħas.

Darba dan l-imbierek ta' Bobby sejjaħ ġuvnott mill-Baħrija, Ġamri tas-Santi, li kien ilu jberraq għajnejh lejh meta semgħu jgħid xi ħlieqa u ġagħlu jibrek ma' ġenbu u beda jbagħbaslu f'xagħru li kien imtappan donnu suf ta' nagħġa kollha għoqod tal-kagħbur.

"Hawn x'għandek?" qallu. "Dan fejn irqadt il-bieraħ?"

"X'ġara?" staqsa t-tifel.

"Arax f'din it-troffa xgħar għandek il-flus" — u wrieh bejn subgħajh xelin tal-fidda jleqq, ġdid fjamant.

"Dal-flus kif?" qal Ġamri.

"Flus ġodda wkoll, hawn għandek ieħor, u wrihulu tefgħu fil-but.

Ġamri qabad irodd is-salib u ta' madwaru jidħku u jħabbtu idejhom.

"Hawn għandek flus bir-radam". Kompla Bobby. "Kollha weħlu f'xagħrek, imbierek l-int", u ġieb f'idu xelin ieħor u ieħor, sa ma laqqat mal-għaxar xelini li beda jċekċek fil-but tas-sidrija.

Ġamri tbikkem u qabiżlu d-dmugħ jara dawk ix-xelini kollha ħerġin minn xagħru, imma mdawwar ma' dawk in-nies kollha ma tahx li jara kif jiġbor imqar tnejn minn dawk ix-xelini jleqqu daqs mera.

Daħk, ċapċip ta' l-idejn, xi ħadd qal: "magħmula tiegħek Ġamri! aħjar twarrab li ma jagħmillek xi ħaġa tas-sħarijiet .....

Fl-aħħar sar il-ħin u kulħadd inġabar jorqod.

Fil-għodu meta ġie kulħadd għax-xogħol, Ġamri tal-Baħrija ma deherx.

Ħadd ma ħadha bi kbira, imma għall-ħabta tal-għaxra mat-trieq raw ġej lil Ġamri pass wara missieru,raġel daqs ġolf, bil-kmiem imxammra donnu mħejji għall-ġlied, b'subgħajh fil-keffa tas-sidrija taħt abtejh.

"Fejn hu s-sur Bobby?" staqsa l-ewwel manwiel li sab "xtaqt inkellmu."

Hemm, qalulu, ħiereġ mit-tinda, dak ta' l-elmu f'rasu.

Resaq tal-Baħrija—"Int is-sur Bobby?"

"Jien kolli kemm jien—Kif kien ġie tard it-tifel?"

"Għax ridt niġi miegħu," wieġeb, "ġejt biex nara niġborx dawk il-flus li l-bieraħ bil-lejl ħadt minn għand ibni."

"Xi flus huma?" u ntebaħ fil-mument biex kien ġej. "Eh, dawk il-flus taċ-ċajta li għamilt?"

"Ċajta sabiħa, il-flus ħadthom minn ras ibni u tfajt-hom f'butek. Hekk kulħadd jaf jiċċajta."

"Ma tarax li kienet ħlieqa dik. Staqsi lil min kien madwarna, huwa ibnek kellu l-flus f'xagħru?"

"Li kellu flus, kellu għax rahom kulħadd u l-flus ġbarthom int u jien irridhom għax dan igħidulu serq."

"Tridx ma tgħajjatx, għax m'aħniex uħudna u issa waqt ix-xogħol."

"Ingħajjat irrid u jien ġejt għal ħwejġi u jekk ma ttinix

flusi kemm hawn nies mir-raħal inġagħalhom jitilqu dal-waqt għax dawn ma ġewx biex iħallu min jisraqhom."

Hawn resaq il-fizzjal tal-għassa għax bdiet tinġama' n-nies u staqsa x'kien ġara.

Meta Bobby fehmu x'ried il-ġorf tal-Baħríja l-fizzjal inqasam bid-daħk imma fl-istess ħin qal taħt ilsien lil Bobby:

"Il-ħaġa twalet u jekk dal-faħal ixewwex in-nies nieqfu mix-xogħol u nitwegħru. Oħroġ bil-qalb it-tajba dawk il-għaxar xelini u eħles minn din it-tabxa u, isma' minni, iċċajta ma' min jifhmek darb'oħra."

Bobby xtaq l-art tibilgħu imma ra li ma satax joħroġ aħjar mill-biċċa. Ma hemmx bżonn ingħid li ma żiedx juri għerfu ma' nies li ma jistax jafda ruħu magħhom.

U la Ġamri u lanqas missieru ma resqu aktar fuq ix-xogħol ta' Binġemma. Għax naħseb li ntebħu t-tnejn li l-ħallelin kienu huma u li flus fix-xgħar tar-ras ma jinbtux.

T. Z.